

Brussell, 5 ta' Ottubru 2017  
(OR. en)

12411/17

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2017/0808 (CNS)**

---

---

**VISA 366  
FRONT 394  
COMIX 634**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li jirrigwardaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija - Adozzjoni

---

1. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tippermetti lill-Bulgarija u r-Rumanija jikkonsultaw, fil-modalità ta' qari biss, id-data tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) mingħajr id-dritt li jdaħħlu, jemendaw jew iħassru d-data fil-VIS.
2. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni ser tapplika d-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-VIS kif imsemmi fl-Anness tagħha, kif ukoll l-iżviluppi sussegwenti kollha ta' dawk id-dispożizzjonijiet.
3. Madankollu, dawk id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen ser japplikaw biss għall-Bulgarija u r-Rumanija, bejniethom u fir-relazzjonijiet tagħhom mal-Istati Membri l-oħra mid-data, li għandha tiġi determinata mill-Kummissjoni, meta l-Bulgarija u r-Rumanija jinnotifikaw lill-Kummissjoni li t-testijiet komprensivi li għandhom jitwettqu mill-eu-LISA, il-Bulgarija u r-Rumanija ntemmu b'suċċess.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER) qabel fis-6 ta' Ġunju 2017 dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 10030/17.

5. It-test maqbul ġie editjat mill-ġuristi lingwisti skont il-proċedura tas-soltu. It-test editjat jinsab fid-dokument 10161/17 VISA 228 FRONT 267 COMIX 431 + COR 1 + COR 2 (BG).
  6. B'ittra datata t-30 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill baġhat talba għal konsultazzjoni dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew (PE). Il-PE vvota dwar l-opinjoni favorevoli tiegħu fl-4 ta' Ottubru 2017.
  7. Abbażi ta' dan, il-COREPER huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, kif tinsab fid-dokument 10161/17 VISA 228 FRONT 267 COMIX 431 + COR 1 + COR 2 (BG), bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
-